Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,986, 1 ta' Settembru, 2000
Taqsima B

A.L. 165 ta' l-2000

ATT DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KWALITÀ (ESPORTAZZJONIJIET, IMPORTAZZJONIJIET U OĠĠETTI LOKALI) (KAP. 225)

Data tal-bidu fis-seħħ ta' l-Ordni ta' l-1999 dwar Apparat u Sistemi Protettivi maħsubin biex Jintużaw f'Atmosferi Potenzjalment Esplużivi (Ordni Nru. M42 ta' l-1999)

L-Awtorità Maltija għall-Għemil ta' *Standards* b'dan tavża illi l-Ordni ta' l-1999 dwar Apparat u Sistemi Protettivi maħsubin biex Jintużaw f'Atmosferi Potenzjalment Esplużivi (Ordni Nru. M42 ta' l-1999) tqiegħed quddiem il-Kamra tad-Deputati skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali) fit-23 ta' Ġunju, 1999 u li l-imsemmi Ordni daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2000, b'dan li ċertifikati ta' konformità CE ma' *standards* armonizzati li jkunu miksuba skond il-proċeduri stipulati fid-direttivi 76/117/EEC[1], 79/196/EEC[2], 82/130/EEC[3], li ma jibqgħux fis-seħħ mill-1 ta' Lulju, 2003, jibqgħu madankollu validi sat-30 ta' Ġunju, 2003 kemm-il darba ma jiskadux qabel dik id-data. Il validità tagħhom tibqa' tkun limitata għal *standards* armonizzati indikati fid-Direttivi hawn aktar qabel imsemmija.

---

[1]OJ Numru L24, 31-01-76, P. 45. Direttiva kif emendata l-aħħar minn Direttiva 90/487/EEC (OJ Numru L270, 02-10-90, P. 23)
[2]OJ Numru L43, 20-02-79, P. 20. Direttiva kif emendata l-aħħar minn Direttiva 90/487/EEC (OJ Numru L270, 02-10-90, P. 23)
[3]OJ Numru L59, 02-03-82, P. 10.